3.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u soġġetta għal-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

5.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil grad ta' *Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer* fid-Dipartiment tal-*Financial Management* jinkludu:

a) Tikkoordina ma' membri oħra tad-Dipartiment u ma' Dipartimenti/Aġenziji oħra skond kif meħtieġ, u taħdem taħt id-direzzjoni tal-Kap tad-Dipartiment u żżommu aġġornat b'mod regolari fuq ix-xogħlijiet kollha;

b) Tmexxi u tissorvelja it-*Team* tal-Manutenzjoni tal-Ministeru u tmexxi, tiċċekkja u tiżgura li l-ħaddiema li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha jaqdu dmirhom bl-aktar mod effiċjenti u effettiv kemm jista' jkun;

ċ) Tikkoordina ma' superjuri oħra fil-Ministeru dwar l-iżvilupp, l-iċċekkjar u t-twettieq ta' proġetti/programmi ta' xogħlijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri ewlenin stabbiliti għall-Ministeru;

d) Tassigura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha;

e) Tipparteċipa fi gruppi tekniċi fuq l-iżvilupp ta' proġetti/inizjattivi fi ħdan il-Ministeru;

f) Tispezzjona diversi siti ta' xogħlijiet li jkunu qed isiru biex tassigura li x-xogħlijiet jitlestew skond iż-żmien stipulat miftiehem, li l-kwalità ta' xogħol tkun kif mistenni, u li x-xogħol ikun qed isir bl-inqas spejjeż possibbli;

g) Tikkoordina, tmexxi u tipprovdi għajnuna fl-immaniġjar ta' proġetti fuq id-diversi xogħlijiet li jkunu qed isiru u tiċċertifika li x-xogħlijiet ikunu lesti qabel ma jsir il-pagament;

h) Tikteb u toħroġ kwotazzjonijiet u dokumenti għall-offerti inkluż l-ispeċifikazzjonijiet u fatturi ta' kwantitajiet;

Management in the Ministry for Social Policy in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the Malta Public Service.

5.1 The main duties of a Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer in the Department of Financial Management include:

a) To liaise with other members of the Department and of other Departments/ agencies as required, and to work under the direction of and provide regular feedback to the Head of Department on all works;

b) To lead and supervise the Ministry's Maintenance Team and to ensure through leadership, control, supervision and monitoring that all duties of subordinates are carried out in an effective and efficient manner;

c) To liaise with other senior staff in the Ministry in the development, monitoring and implementation of projects/ programmes in order to meet the overall objectives and key tasks set for the Ministry;

d) To ensure the safety and welfare of the workforce under his/her responsibility;

e) To participate in technical working groups on the development of projects/initiatives within the Ministry;

f) To inspect various sites of work in order to monitor the progress of works against time frames, the quality of work and possible cost savings;

g) To coordinate, supervise and provide project management support on various ongoing works and to certify completed works for payment purposes;

h) To draw up and issue quotations and tender documents, including specifications and bills of quantities;

i) Tiddisinnja u tagħmel speċifikazzjonijiet għax-xogħlijiet ta' arkitettura u ta' inġinerija ċivili;

j) Tifforma parti minn bordijiet tal-għażla dwar kwotazzjonijiet/offerti li jkunu ħarġu;

k) Tipprepara pjanti/disinji dettaljati għall-applikazzjonijiet tal-MEPA u/jew għal xogħol li jsir mill-kuntratturi;

l) Tiċċertifika li l-materjal u/jew li l-kwalità u l-kwantità tax-xogħlijiet li jkunu saru ikunu tajbin sabiex ikun jista' jsir il-pagament meħtieġ u

m) Tipprepara applikazzjonijiet għall-Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA) sabiex jinħarġu l-permessi meħtieġa.

5.2 Il-persuna magħżula tista' tkun mitluba li taħdem ħinijiet wara dawk normali tax-xogħol kif ukoll is-Sibt, il-Ħadd u fil-festi pubbliċi.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta flimkien ma' tliet (3) snin prattika tal-professjoni tagħhom wara l-kisba tal-*Warrant;*

i) To carry out the design and specifications of architectural and civil engineering works;

j) To form part of adjudicating boards in connection with quotations/tenders issued;

k) To prepare detailed drawings for MEPA applications and/or on-site work to be undertaken by contractors;

l) To certify correct materials supplied and/or the quality and quantity of works carried out for payment purposes; and

m) To prepare applications to the Planning Authority for the granting of the relative permits.

5.2 The appointee may be required to perform duties outside normal office hours including Saturdays, Sundays and public holidays.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) be in possession of a Warrant to practice as Architect and Civil Engineer in Malta as well as three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) individwi li għandhom il-*Warrant* u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6 (i), (ii) u (iv) hawn fuq, iżda li m'għandhomx it-tliet (3) snin prattika fil-professjoni tagħhom wara l-kisba tal-*Warrant*. Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Architect and Civil Engineer*, u jirċievu salarju ta' €15,074.00 x €447.17 - €17,757) (Skala ta' Salarju 9);

JEW

(b) individwi li jkollhom il-kwalifiki neċessarji biex jiksbu l-*Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta.

7.2 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafi 7.1 (a) u (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6 (iii). Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (a) jingħataw preferenza fuq applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (b). Barra minn hekk, applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (b) isiru eliġibbli għall-ħatra biss meta jġibu l-*Warrant* biex jeżerċitaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta.

7.3 Persuna fil-grad ta' *Junior Architect and Civil Engineer*, sakemm twettaq dmirijietha b'mod sodisfaċenti, tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' *Architect and Civil Engineer* fuq l-iskala ta' salarju msemmija f'paragrafu 2, wara li ttemm sentejn servizz fil-kariga.

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service, giving details).

7.1 Applications will also be received from:

(a) persons in possession of the Warrant and who also satisfy the requirements stated in paragraphs 6 (i), (ii) and (iv) above, but do not have the requested three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant. A candidate selected under this clause will be appointed Junior Architect and Civil Engineer, with a salary in Scale 9 (€15,074.00 x €447.17 - €17,757).

OR

(b) persons having the academic qualifications to obtain such Warrant to exercise the profession of Architect and Civil Engineer in Malta.

7.2 Successful applicants under paragraphs 7.1 (a) and (b) will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 6 (iii). Successful applicants under paragraph 7.1 (a) will be given preference over successful applicants under paragraph 7.1 (b). Moreover, successful applicants under paragraph 7.1 (b) will become eligible for appointment when they obtain the warrant to exercise the profession of Architect and Civil Engineer in Malta.

7.3 On completion of two (2) years service in the grade and subject to satisfactory performance, a Junior Architect and Civil Engineer will become eligible for promotion to Architect and Civil Engineer with the salary as given in paragraph 2.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications

KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma' jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Dawn għandhom ikunu jew mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament bil-posta lid-Dipartiment riċeventi mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-għeluq. Kopji bl-i*scanner* mibgħuta b'mod elettroniku jkunu aċċettati.

9.2 Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet Barranin/ Istituzzjonijiet Terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta *Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-Dipartimenti riċeventi, malli jkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq għas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tas-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Ministeru ghall-Politika Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta.

10.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* kollha.

10.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Human Resources Section, Ministry for Social Policy, 38, Ordinance Street, Valletta.

10.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew tingħabar mis-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani.

13. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Politika Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta sa mhux aktar tard minn-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru 2008.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 21 Novembru 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur (Riżorsi Umani) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-fax tas-sezzjoni għar-Riżorsi Umani hu (+356) 2590 3351).

15. (a) Tingħata irċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal b'idejn fl-Uffiċċju tal-Assistent Direttur (Riżorsi Umani), Ministeru għall-Politika Soċjali.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. L-Assistent Direttur (Riżorsi Umani), Ministeru għall-Politika Soċjali tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Ottubru, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA)

Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għal *Paramedic Aides (Decontamination)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa) jilqa' applikazzjonijiet għal dħul fil-Kors ta' Taħriġ ta' disa' xhur għal *Paramedic Aides (Decontamination)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section.

13. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director (Human Resources), Ministry for Social Policy, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 21st November 2008.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 21st November 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Human Resources Section by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. (The fax number of the Human Resources Section is (+356 2590 3351)

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Assistant Director, Human Resources Section and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by Assistant Director, Human Resources Section within seven (7) days.

28th October, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Applications for Admission to the Course of Training for Paramedic Aides (Decontamination) in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Director General (Health Care Services) invites applications for admission to the nine-month course of training for Paramedic Aides (Decontamination) in the Ministry for Social Policy (Health).

2. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom id-*Decontamination Science Certificate* maħruġ mill-*Institute of the Decontamination Sciences (IDSc)* tar-Renju Unit jew kwalifika oħra komparabbli xierqa;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

3.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-kors. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-kors fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm

2. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of the Decontamination Science Certificate issued from the Institute of the Decontamination Sciences (IDSc) of UK or other appropriate comparable qualification;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

3.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this course provided they can carry out, in essence, the duties related to the course and subject to the concurrence of

qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

3.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkluduevidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

4.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

4.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

4.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli għall-kors, skond paragrafu 2 imsemmi hawn fuq, biex jitqies min ikun adattat għall-kors. Il-vakanzi għall-kors jiġu allokati skond l-ordni tal-meritu mogħtija mill-istess Bord. L-għażla tal-kandidati mill-Bord tkun finali.

6. Applikanti magħżula għal kors ikunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-kors.

7. Il-kandidati li jiġu ammessi għall-kors ta' studju jkunu magħrufa bħala *Trainees Paramedic Aide (Decontamination)* u jitħallsu *allowance* ta' €7,011.41 fis-sena. Huma jingħataw ikel b'xejn meta jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet fl-isptarijiet u tingħatalhom attenzjoni medika u kura fl-isptar b'xejn

the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

3.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

4.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

4.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

4.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

5. A Selection Board will interview the applicants who are eligible to follow course as per paragraph 2 above, to assess their suitability for the course. Vacancies in the course will be allocated in the order of merit given by the said Board. The selection of the students by the Board will be final.

6. Applicants selected for the course will be medically examined to ascertain that they are fit for such course.

7. Candidates admitted to the Course shall be known as Trainees Paramedic Aide (Decontamination) and shall be paid an allowance of €7,011.41 per annum. They shall be provided with free meals when performing duties in

meta jinħtieġ. Huma jkunu intitolati għal ħruġ b'xejn ta' uniformijiet.

8. *Trainees Paramedic Aide (Decontamination)* li jikkwalifikaw fl-eżami finali tal-kors jingħataw ċertifikat tas-City and Guilds *(Decontamination Sciences)* tar-Renju Unit. Il-persuni li jkollhom dan iċ-Ċertifikat ikunu eliġibbli li japplikaw għall-postijiet ta' *Paramedic Aide (Decontamination),* skond kemm ikun hemm vakanzi, wara li tkun ħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9. *Trainees Paramedic Aide (Decontamination)* li ma jġibux iċ-Ċertifikat indikat f'paragrafu 2(ċ) hawn fuq ikollhom l-ingaġġ tagħhom mal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) terminat.

10. Id-Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa) jista' jieħu passi dixxiplinarji kontra t-*Trainees Paramedic Aide (Decontamination)* kif ikun jinħtieġ skond iċ-ċirkostanzi.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, (Dipartiment tas-Saħħa) 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, (Dipartiment tas-Saħħa) 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Ottubru, 2008

hospitals and with free medical attention and treatment in hospital whenever necessary. They will be entitled to a free issue of uniforms.

8. Trainees Paramedic Aide (Decontamination) who qualify in the Final Examination of the course will be awarded a Certificate of the City and Guilds (Decontamination Sciences) of the UK. Persons in possession of such a Certificate will be eligible to apply for the posts of Paramedic Aide (Decontamination), subject to the availability of vacancies, following a call for applications to be issued by the Public Service Commission.

9. Trainees Paramedic Aide (Decontamination) who fail to obtain the Certificate indicated in paragraph 2(c) above shall have their engagement with the Ministry for Social Policy (Health) terminated.

10. The Director General (Health Care Services) may take any disciplinary measures against the Trainees Paramedic Aide (Decontamination) which in the circumstances he may deem appropriate.

11. Application forms (the only ones admissible) shall be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday 14 November 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday 14 November 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

KULLEĠĠ MALTI TAL-ART, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Career Guidance Officer

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija tinħtieġ timla l-pożizzjoni ta' *Career Guidance Officer*.

Taħt it-tmexxija tal-Viċi Kap (Servizzi ta' Appoġġ Akkademiku u għall-Istudent), il-kandidat li jintgħażel ikun responsabbli biex ixerred l-informazzjoni rigward karrieri u opportunitajiet ta' xogħol u biex jagħti parir u tmexxija relevanti lill-istaff, studenti u ġenituri fl-MCAST. Huwa jkun mistenni wkoll li jżomm kuntatt ma' studenti fl-edukazzjoni sekondarji u sekondarji ogħla u mal-*guidance teachers* u *counsellors* tagħhom sabiex jippromwovi l-programmi mmexxija mill-MCAST,

Rekwiżiti:

L-applikanti għandhom preferibbilment ikollhom l-ewwel lawrija relatata mal-*Career Guidance and Counselling* u tal-anqas 5 snin esperjenza industrijali.

L-applikanti li jkollhom Diploma fil-*Counselling and Career Guidance* u 10 snin esperjenza fl-industrija jkunu kkunsidrati wkoll.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-MCAST tal-applikazzjoni, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, is-17 ta' Novembru 2008 f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* mill-*main reception* tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil: L-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

(Permess tal-ETC Nru. 214/2008)

It-28 ta' Ottubru, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Career Guidance Officer

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Career Guidance Officer.

Under the direction of the Deputy Principal (Academic and Student Support Services), the selected candidate will be responsible for disseminating information regarding careers and job opportunities and for giving relevant advice and guidance to MCAST staff, students and parents. S/he will also be expected to liaise with secondary and higher secondary students and their guidance teachers and counsellors in order to promote the programmes run at the MCAST.

Requirements:

Applicants should preferably have a first degree related to Career Guidance and Counselling and a minimum of 5 years experience in industry.

Applicants in possession of a Diploma in Counselling and Career Guidance and 10 years experience in industry will also be considered.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 17th November 2008 at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Main Reception, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

(ETC Permit No. 214/2008)

28th October, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jimla postijiet ta' *lecturing staff* fil-*Care*:

Ħtiġiet

Applikanti għandu jkollhom:

B.A. (Hons) *degree* fl-Istudji Soċjali/Politika Soċjali tal-inqas sentejn esperjenza ta' xogħol.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies in Care:

Requirements

Applicants should have:

a B.A. (Hons) degree in Social Work/Social Policy, and at least 2 years related working experience.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar it-Tnejn, it-3 ta' Novembru, 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Kampus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali tal-MCAST, Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost.

It-28 ta' Ottubru, 2008

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 3rd November, 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

28th October, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza (Permess tal-ETC Nru. Nru. 167/2008)

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jimla l-post ta' Deputat Direttur fl-Istitut tal-Arti u d-Disinn:

Kandidati għall-post għandu jkollhom tal-inqas:
l-ewwel *degree* relatata mal-arti u d-disinn;
kwalifika relatata mal-*management* u/jew ħames snin esperjenza f'pożizzjoni ta' *management*;
minimu ta' ħames snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatata ma' xi waħda mid-dixxiplini mgħallma fl-Istitut. Tista' tkun kunsidrata wkoll esperjenza relatata mal-industrija.

Il-kandidat magħżul ikun mistenni li:
Jkollu abbiltà pruvata li jimmotiva u jmexxi membri tat-*team* biex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST;
juri inizjattiva u jkollhom kapaċitajiet entraprenditorjali biex jgħinu jmexxu l-Istitut bħala *unit* effiċjenti u mingħajr ħela ta' flus.
Ikun kapaċi jaħdem f'*team* u jkun flessibbli fil-qadi tad-dmirijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija ta' kuljum tal-Istitut;
Jagħmel xogħol mogħti lilu/lilha u jagħmilha ta' aġent lid-Direttur tal-Istitut.

L-applikant magħżul jingħata kuntratt definitta' tliet snin, li jista' jiġġedded aktat tard kemm-il darba jkun wera xogħol sodisfaċenti.

Il-post ta' Deputat Direttur huwa soġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jkollu perijodu bi prova għal sena.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy (ETC Permit No. 167/2008)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Deputy Director at the Institute of Art and Design:

Candidates for the post should possess as a mnimum:
a first degree related to art and design;
a management related qualification and/or 5 years in a management position;
a minimum of 5 years teaching/lecturing experience related to any of the main disciplines taught at the Institute. Related industrial experience may be considered.

The selected candidate will be expected to:
Have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the MCAST Board of Governors;

Show initiative and possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit;

Be able to work in a team and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute;
Perform duties as are delegated to her/him and deputise for the Director of Institute.

The successful applicant will be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

The post of Deputy Director is subject to a forty hour week and entails a probationary period of one year.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment

mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar it-Tnejn, it-3 ta' Novembru, 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Kampus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali tal-MCAST, Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost.

It-28 ta' Ottubru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet minn persuni li għandhom il-kwalifiki u/jew esperjenza biex jimlew dawn il-vakanzi:

Child Care Centre Assistant (Permess mill-ETC Nru. 159/2008)

Rekwiżiti:

Il-kandidati prospettivi għandhom:

Ikunu temmew b'suċċess l-MCAST National Diploma in Early Years JEW iċ-Child Care Training Programme tal-ETC

Preferibbilment ikollhom tal-anqas tliet (3) snin esperjenza relevanti.

Responsabbiltajiet:

Id-dmirijiet tal-kandidati magħżula jkunu jinkludu, iżda mhux biss:

Iżommu ambjent ħieles mill-periklu, nadif u li jilqgħek

Jagħtu għajnuna waqt attivitajiet sportivi, kunċerti u ħarġiet

Jissorveljaw it-tfal waqt il-logħob, jiżguraw li jkunu ħielsa mill-periklu l-ħin kollu.

IT Network Officer (Permess mill-ETC Nru. TBA/2008)

Rekwiżiti:

Il-kandidati prospettivi għandhom:

Ikollhom kwalifika f'Livell 4 jew ogħla fejn jispeċjalizza fl-*IT Networking*

Jkollu tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti.

Ikun kunsidrat ta' vantaġġ min ikollu sentejn esperjenza jaħdem bil-Microsoft Windows 2003 server.

Responsabbiltajiet:

Il-kandidat magħżul ikun responsabbli biex:

Jipprovdi għajnuna teknika inkluż l-istallazzjoni,

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

28th October, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from individuals who are suitably qualified and who have the necessary experience to fill the following vacancies:

Child Care Centre Assistant (ETC Permit No. 159/2008)

Requirements:

Prospective candidates must:

Have successfully completed the MCAST National Diploma in Early Years OR the ETC Child Care Training Programme

Preferably have a minimum of three (3) years relevant experience.

Responsibilities:

The duties of the selected candidate will include, but will not be limited to:

The European Union's LIFE+ Programme
Call for Applications 2008



SERVIZZI TA' *PROCUREMENT*
TAL-GVERN (TAQSIMA TAS-SAĦĦA)

Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Novembru, 2008 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 3482. *Salbutamol resp. solution.*
Kwot. PFI Nru. 3483. *Set for Peritoneal Dialysis Set.*
Kwot. PFI Nru. 3484. *Aspirin 300mg Dispersible tablets.*
Kwot. PFI Nru. 3485. *Acetylsalicylic Acid 500mg injections.*
Kwot. PFI Nru. 3486. *Dantrolene Sodium 25mg Capsules.*
Kwot. PFI Nru. 3487. *Sulfinpyrazone 200mg tablets.*
Kwot. PFI Nru. 3488. *Salmeterol/formoterol inhaler.*
Kwot. PFI Nru. 3489. *Black braided silk G3/0 on 26mm.*
Kwot. PFI Nru. 3490. *Black braided silk G5/0.*

GOVERNMENT HEALTH
PROCUREMENT SERVICES

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 4th November, 2008, for:-

Quot. PFI No. 3482. Salbutamol resp. solution.
Quot. PFI No. 3483. Set for Peritoneal Dialysis Set.
Quot. PFI No. 3484. Aspirin 300mg Dispersible tablets.
Quot. PFI No. 3485. Acetylsalicylic Acid 500mg injections.
Quot. PFI No. 3486. Dantrolene Sodium 25mg Capsules.
Quot. PFI No. 3487. Sulfinpyrazone 200mg tablets.
Quot. PFI No. 3488. Salmeterol/formoterol inhaler.
Quot. PFI No. 3489. Black braided silk G3/0 on 26mm.
Quot. PFI No. 3490. Black braided silk G5/0.

Kwot. PFI Nru. 3491. *Amoxycillin and Clavulanic Acid Tablets/Capsules*.

Kwot. PFI Nru. 3492. *Cefuroxime 750mg Injections*.

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-28 ta' Ottubru, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

L-Awtorità Marittima ta' Malta jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Amministrazzoni, Awtorità Marittima ta' Malta, Uffiċċju Korporattiv, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa għal:

Avviż Nru. MMA/010/2008. *Survey* dwar il-kundizzjoni tal-pontuni eżistenti fl-Imġarr, Għawdex.

Avviż Nru. MMA/011/2008. *Survey* dwar il-kundizzjoni tal-pontuni eżistenti fl-Imsida Marina.

Avviż Nru. MMA/012/2008. *Survey* dwar il-kundizzjoni tal-pontuni eżistenti f'Ta' Xbiex.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00. għal kull kopju tad-dokument ta' kull offerta.

Iċ-ċekkijiet għandhom jitħalsu lill-Awtorità Marittima ta' Malta. Id-dokument tal-offerta jinkisbu mid-Dipartiment tal-Manutenzjoni tal-Awtorità Marittima ta' Malta, Ċentru tal-Kummerċ Marittimu, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa,

It-28 ta' Ottubru, 2008

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. DLC 04/08. Kisi mill-ġdid ta' toroq.

Id-dokumenti relattivi jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Numru tat-Telefon: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. fuq ħlas ta' €100.00 għal kull kopja.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe jew kull offerta.

It-28 ta' Ottubru, 2008

Quot. PFI No. 3491. Amoxycillin and Clavulanic Acid Tablets/Capsules.

Quot. PFI No. 3492. Cefuroxime 750mg Injections.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

28th October, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed tenders, complete with all required documents are to be submitted at the Administration Department, Malta Maritime Authority, Corporate Office, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, up to 10.00 a.m. of Friday, 7th November, 2008, for:-

Advt. No. MMA/010/2008. Carrying out a Condition Survey of Existing Pontoons at Mġarr, Gozo.

Advt. No. MMA/011/2008. Carrying out a Condition Survey of Existing Pontoons at Msida Marina.

Advt. No. MMA/012/2008. Carrying out a Condition Survey of Existing Pontoons at Ta' Xbiex.

A fee of €25.00 will be charged for every copy of each tender document.

Cheques are to be made payable to Malta Maritime Authority. The tender documents can be collected from the Maintenance Department of the Malta Maritime Authority, Maritime Trade Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

28th October, 2008

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 14th November 2008, for:-

Advt. No. DLC 04/08. Road resurfacing.

Relative documents can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Dingli (Telephone Number: 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of €100.00 for each copy.

The Council reserves the right to refuse any or all tender.

28th October, 2008

KUNSILL LOKALI ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali Żejtun jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Novembru 2008, jintlaqgħu għand l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali f'envelop apposta għal:-

Avviż Nru. 03/08. Provvista u tqegħid ta' *coated stone*.

Kopja tad dokumenti tal-offerti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 28, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun waqt il-ħin tal-uffiċċju minn nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Ottubru għall-prezz ta €60 il-waħda. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku immedjatament wara l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża. Offerti nieqsa minn xi dettalji kif mitluba, jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

It-28 ta' Ottubru, 2008

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

The Żejtun Local Council notifies that:

Sealed tenders are to be deposited in the appropriate tender box up to 10.00 a.m. of Wednesday, 19th November, 2008, for:-

Advt. No. 03/08. Supply and laying of coated stone.

Copies of tender documents can be collected from the Local Council's premises, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun during office hours as from Wednesday, 22nd October, 2008 for the price of €60 each. Tenders will be opened in public immediately after closing time.

The Local Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous. Offers unaccompanied by the relevant technical literature, when so required in the specification, may not be considered.

28th October, 2008

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Id-Deputat Segretarju tal-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf illi:-

Sas-6.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għargħur għal:-

Kwot. Nru. T-01/08-24. Xogħlijiet ta' rinnovar tal-latrina pubblika, Għargħur.

Id-dokumenti relevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data tal-għeluq. Għandu jitħallas dritt ta' €35 għad-dokumenti tal-kwotazzjoni.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni jew offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-28 ta' Ottubru, 2008

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Deputy Secretary of the Għargħur Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Għargħur Local Council Office up to 6.00 p.m. of Tuesday, 25th November 2008 for:-

Quot. No. T-01/08-24. Refurbishment of public conveniences, Għargħur.

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, during Office hours. Tenders will be opened in public on the time and closing date. A fee of €35 should be paid for the quotation documents.

The Council reserves the right to refuse all quotations or tenders, even the most advantageous.

28th October, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1609

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-26 ta' Ġunju 2008, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 27 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2007, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

1) Parti mill-fond ossia "bar and restaurant" jismu "Cherry Tree" fi Triq il-Pijunieri San Pawl il-Baħar li jinsab mibni fuq il-plot numru sbatax (17) formanti parti mill-artijiet msejjħa tat-Torba l-Bajda fil-kontrada ta' Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa €81,500.

2) Il-fond bin-numru tmienja u disgħin fi Our Lady of Sorrows Street, Ħamrun jismu "S4 Supermarket" ġja jismu "Triumph Shoe Factory" bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98), stmat li jiswa €300,000.

3) Ħmistax-il garaxx internament immarkati bin-numri wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) ħamsa (5) għaxra (10), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), sittax (16), sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) flimkien mal-arja tagħhom sovrastanti formanti parti minn korp ta' garaxxijiet mingħajr numru u mingħajr isem, liema korp ta' garaxxijiet huwa mibni fuq il-plots li jiffurmaw parti mit-teritorju magħruf bħala "Tal-Qagħdi" fil-kontrada ta' Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u għal liema garaxxijiet hemm aċċess minn drive in li jagħti għall-fuq Upper Conversion Street, Buġibba, stmati li jiswew €1,300,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Joseph (KI 392028M) u Catherine (KI 771835M) konjuġi Spiteri.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A/C Ruben Sciortino fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Ġunju 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta'Ottubru 2008

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 26th June 2008, on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday 27th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 3rd October 2007, to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Part of the tenement that is 'bar and restaurant' named 'Cherry Tree' in Pijunieri Street, St Paul's Bay, built on plot number seventeen (17) forming part of the lands known as 'tat-Torba l-Bajda' in the Buġibba district limits of St Paul's Bay, valued at €81,500.

2. Tenement numbered ninety eight in Our Lady of Sorrows Street, Ħamrun, named 'S4 Supermarket' formerly 'Triumph Shoe Factory' with all its rights and appurtenances subject to an annual and perpetual ground rent of thirteen Euros and ninety eight cents (€13.98), valued at €300,000.

3. Fifteen garages internally marked with number one (1), two (2), three (3), four (4), five (5), ten (10), eleven (11), twelve (12), thirteen (13), fourteen (14), fifteen (15), sixteen (16), seventeen (17), eighteen (18) and nineteen (19) with their overlying airspace forming part of a garage complex unnumbered and unnamed, which complex of garages is built on plots forming part of the territory known as 'Tal-Qagħdi' in the Buġibba district, limits of St Paul's Bay, and to which access is from a drive in leading upon Upper Conversion Street, Buġibba, valued at €1,300,000.

The said tenement is the property of Joseph (ID 392028M) and Catherine (ID 771835M) spouses Spiteri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by A/C Ruben Sciortino on 24th June, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 16th October, 2008.

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1610

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-10 ta' Ġunju, 2008 fuq rikors ta' Mosta Auto Dealer Co Ltd (C 3923) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Il-garaxx internament immarkat bin-numru ħamsa (5), sottostanti blokk apartamenti bl-isem "Tulip", fi Triq l-Imgħażel, Swieqi stmat li jiswa €20,964.

2. Il-fond numru tlieta (3), Sqaq il-Karmnu, Tas-Sliema stmat li jiswa €8,153.

3. Il-garaxx internament immarkat bin-numru wieħed (1) fil-livell ta' basement f'ta' kumpless garaxxijiet f'Naxxar Road, San Ġwann stmat li jiswa €55,905.

4. Il-garaxx internament immarkat bl-ittri "BG" formanti parti minn kumpless garaxxijiet fi Triq Għar il-Ġobon Birkirkara stmat li jiswa €18,635.

L-imsemmija fondi huwa propjetà ta' Richard (I.D. 481789M) u martu Sharlon (I.D. 305874M) konjugi Cuschieri.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' April 2007.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Ottubru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 10th June 2008 on the application of Mosta Auto Dealer Co Ltd (C 3923), Tuesday 18th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th October, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following properties.

1. Garage internally numbered five (5), underneath apartment block by the name 'Tulip', in Triq Imgħażel, Swieqi, valued at €20,964.

2. Property number three (3), in Sqaq il-Karmnu, Sliema, valued at €8,153.

3. Garage internally numbered one (1), at basement level in a complex of garages in Naxxar Road, San Ġwann, valued at €55,905.

4. Garage internally marked with the letters "BG" forming part of a complex of garages in Għar il-Ġobon Street, Birkirkara, valued at €18,635.

The said tenements are the property of Richard (I.D. 481789M) and Sharlon (I.D. 305874M) spouses Cuschieri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 17th April 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 16th October, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1611

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 530/03 GCD, fl-ismijiet Agius Paola noe vs Scerri Antonia et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Joanne Scicluna, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Ċitazzjoni ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Paola Agius għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Carmelo Agius; u b'nota tal-1 ta' Ottubru 2004, l-Avukat Philip Manduca assuma l-atti bħala mandatarju f'isem Carmelo Agius kontra Antonia Scerri, Joanne Scicluna, Marisa Pace, Joseann Vassallo, Rosianne Agius, Loreta Farrugia, Catherine Farrugia, Nazzareno Agius u Philip Agius, fit-30 ta' Mejju 2003; ir-rikorrenti talbu il-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex il-Qorti:

It is hereby notified ,that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 11th June 2008, in the records of the Writ of Summons number 530/03 GCD, in the names Agius Paola noe vs Scerri Antonia et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joanne Scicluna, in terms of Article 187(3)of Cap. 12.

By means of a Writ of Summons filed in the First Hall Civil Court, in the names Paola Agius in the name and in representation of the absent Carmelo Agius; and by note of the 1st October 2004, Advocate Philip Manduca took over the cause as mandatary on behalf of Carmelo Agius against Antonia Scerri, Jaonne Scicluna, Marisa Pace, Joseann Vassallo, Rosianne Agius, Loreta Farrugia, Catherine Farrugia, Nazzareno Agius, and Philip Agius, on the 30th May 2003; the applicants asked the defendants to state why this Court should not:

1. tiddikjara li l-attur ġie mħolli b'titolu ta' prelegat l-għalqa fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kontrada 'Ta' Wied is-Sewda' magħrufa bhala 'Ta' Xmun' jew 'Tas-Sellum' tal-kejl ta' circa tomna u sigħajn (Tom 1.2.0)

2. tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-attriċi nomine permezz tal-Artikolu numru tmienja(8) tat-testment tal-21 ta' Jannar 1975, fl-atti tan-Nutar Dott. Nicola Said.

3. tinnomina Nutar biex jirrediġi u jippubblika l-att opportun u kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti li huma ilkoll inġunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Konvenut: 1 …omissis…

2. Joanne Scicluna,
96, St. Anthony,
Triq Gio Maria Camilleri, Mosta.

3 …omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. declare that the plaintiff was left by title of prelegacy the field in the limits of Żebbuġ, in the vicinity of 'Ta' Wied is-Sewda' known as 'Ta'Xmun' or 'Tas-Sellum' of the area of circa one tumolo and sigħajn (Tom 1.2.0)

2. order that the plaintiff nomine be put in possession of the legacy left by means of Article number eight (8) of the will of the 21st January 1975, in the records of Notary Dr Nicola Said.

3. appoint a Notary to draw up and publish the opportune act and curators for the eventual defaulters.

With costs, against the defendants who are all summoned to appear so that a reference to their evidence be made.

Defendant:1 … omissis…

2. Joanne Scicluna,
96, St. Anthony ,
Gio Maria Camilleri Street, Mosta.

3 …Omissis…

Registry of the Superior Courts, today 23rd October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1612

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-1 ta' Ottubru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-30 ta' April 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Noel Lanzon ta' 2, Triq id-Dejqa, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €686.35 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (330/08VGD) hija differita għat-12 ta' Novembru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 1st October 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 30th April 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Noel Lanzon of 2, Triq id-Dejqa, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €686.35 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 330/08VGD) is put off on the 12th November 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1613

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Ottubru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Michael Attard Limited (C-32362) ta' National Road, Blata l-Bajda, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Awissu 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Izabella Ilona Omonkowska (ID287178A) ta' The Gables, Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,001.49 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (595/08VGD) hija differita għall-14 ta' Novembru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 9th October 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Michael Attard Limited (C-32362) of National Road, Blata l-Bajda filed a Claim on the 8th August 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Izabella Ilona Omonkowska (ID 28717A) of The Gables, Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €2,001.49 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 595/08VGD) is put off on the 14th November 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1614

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2980/08, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Renè Farrugia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Renè Farrugia ta' 111, Sunflower, Flat 2, Triq il-Qrendi, Żurrieq, fit-22 ta' Lulju 2008, Michael Attard Ltd (C32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att int tħallas s-somma ta' €2,353.40 rappreżentanti import ta' seba' (7) kambjali, iffirmati minnek, liema kambjali skadew fil-15 ta' Diċembru 2007, fil-15 ta' Jannar 2008, fil-15 ta' Frar 2008, fil-15 ta' Marzu 2008, fil-15 ta' April 2008, fil-15 ta' Mejju 2008 u fil-15 ta' Ġunju 2008 iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 29th Settembru 2008, in the records of the judicial letter number 2980/08, in the names Michael Attard Ltd vs Renè Farrugia ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Renè Farrugia of 111, Sunflower, Flat 2, Triq il-Qrendi, Żurrieq, on the 22nd July 2008, Michael Attard Ltd (C32362) of Attard Bulding, National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two days from the date of service of this judicial act you pay the sum of €2,353.40 representing import of seven (7) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 15th December 2007, 15th January 2008, 15th February 2008, 15th March 2008, 15th April 2008, 15th May 2008 and 15th June 2008 but are still not paid for to the interpellant company.

By means of this present the interpellant company is rendering executable its executive title here under indicated and this in terms of article 253 (e) Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (3) Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right that within twenty (20) days from the

eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tippreżentaw ir-rikors opportun skond il-liġi fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà mittenti se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the interpellant company shall pass to execute its executive titles and this in terms of article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

This official letter is requested in terms of Article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interests from the due date of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1615

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2985/08, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Kenneth Cole et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Kenneth u Verica konjugi Cole ta' 15, Dingli Street, Tas-Sliema, fit-22 ta' Lulju 2008, Michael Attard Ltd (C32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intom tħallsu s-somma ta' €2,007.72 rappreżentanti import ta' disa' (9) kambjali, iffirmati minnkom, liema kambjali skadew fil-25 ta' Frar 2007, fil-25 ta' Marżu 2007, fil-25 ta' April 2007, fil-25 ta' Mejju 2007, fil-25 ta' Ġunju 2007, fil-25 ta' Lulju 2007, fil-25 ta' Awissu 2007, fil-25 ta' Settembru 2007 u fil-25 ta' Ottubru 2007 iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tipprezentaw ir-rikors opportun skond il-liġi fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxu ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 29th Settembru 2008, in the records of the judicial letter number 2985/08, in the names Michael Attard Ltd vs Kenneth Cole et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Kenneth and Verica spouses Cole of 15, Dingli Street, Sliema, on the 22nd July 2008, Michael Attard Ltd (C32362) of Attard Bulding, National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two days from the date of service of this judicial act you pay the sum of €2,007.72 representing import of nine (9) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 25th February 2007, 25th March 2007, 25th April 2007, 25th May 2007, 25th June 2007, 25th July 2007, 25th August 2007 and 25th September 2007 and the 25th October 2007 but are still not paid for to the interpellant company.

By means of this present the interpellant company is rendering executable its executive title here under indicated and this in terms of article 253 (e) Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of ariticle 253 (3) Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the interpellant

mittenti se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

company shall pass to execute its executive titles and this in terms of article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

This official letter is requested in terms of Article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interests from the due date of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1616

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Settembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2985/08, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Amgad Anwar Aly Elnily et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Amgad Anwar Aly u Rita konjugi Elnily ta' 26, Alexandria, Triq il-Pitirross, Fgura, fit-22 ta' Lulju 2008, Michael Attard Ltd (C32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intom tħallsu s-somma ta' €6,253.25 rappreżentanti import ta' sitt (6) kambjali, iffirmati minnkom, liema kambjali skadew fil-14 ta' Settembru 2006, fil-14 ta' Jannar 2007, fil-14 ta' Mejju 2007, fil-14 ta' Settembru 2007, fil-14 ta' Jannar 2008, u fil-14 ta' Mejju 2008 iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tippreżentaw ir-rikors opportun skond il-liġi fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà mittenti se tgħaddi ghall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 9th Settembru 2008, in the records of the judicial letter number 2984/08, in the names Michael Attard Ltd vs Amgad Anwar Aly Elnily et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Amgad Anwar Aly and Rita spouses Elnily of 26, Alexandria, Triq il-Pitirross, Fgura, on the 22nd July 2008, Michael Attard Ltd (C32362) of Attard Bulding, National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two days from the date of service of this judicial act you pay the sum of €6253.25 representing import of six (6) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 14th September 2006, 14th January 2007, 14th May 2007, 14th September 2007, 14th January 2008 and 14th May 2008 but are still not paid for to the interpellant company.

By means of this present the interpellant company is rendering executable its executive title here under indicated and this in terms of Article 253 (e) Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (3) Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the interpellant company shall pass to execute its executive titles and this in terms of article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

This official letter is requested in terms of Article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests from the due date of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1617

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc versus Shelving Systems Ltd et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Shelving Systems Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ta' HSBC Bank Malta plc ippreżentat fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/2005 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs 1. Shelving Systems Ltd (C 23707) 2. Carmen Bonavia (ID 191563M) 3. Dott. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Bonavia, fil-15 ta' Lulju 2005, ir-rikorrenti HSBC Bank Malta plc, esponew bir-rispett;

Illi din il-kawża tinsab differita għas-sentenza.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2007, il-konvenuta Carmen Bonavia xhedet illi żewġha miet fl-2004 u li '…aħna għandha t-tfal u għalhekk il-werrieta huma t-tfal. Bejn erbat itfal. Huma minuri l-erbgħa li huma. Jien li nirrapreżenta lit-tfal fil-proċess tas-suċċessjoni. Aħna ma konniex aċċettajna l-wirt.

Illi in vista ta' din-ix-xhieda il-Bank esponent ma kienx harrek lill-ulied Carmen Bonavia.

Illi waqt li kien qed jipprepara in-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu il-Bank attur skopra minn riċerka li għamel fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illi Carmen Bonavia, ma xheditx il-verità meta ddikjarat li hija kienet f'isimha u għan-nom ta' wliedha minuri rrinunzjat għall-wirt tal-mejjet Giuseppe Bonavia.

Kif jirriżulta mill-kopja tal-atti ġudizzjarji relativi markati Dok X1, fis-16 ta' April 2004, l-istess Carmen Bonavia, ippreżentat Nota quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u f'isimha kif ukoll għan-nom

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 20th October 2008, in the records of the Writ of Summons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta plc versus Shelving Systems Ltd et noe, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Shelving Systems Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application of HSBC Bank Malta plc, filed, in the records of the Writ of Summons number 669/2005 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs 1. Shelving Systems Ltd (C 23707) 2. Carmen Bonavia (ID 191563M) 3. Dr Richard Sladden and Legal Procurator Mario Mifsud Bonnici, in order to represent the vacant inheritance of the deceased Joseph Bonavia, on the 15th July 2005, the applicant HSBC Bank Malta plc, pleaded with respect;

That this cause has been put off for judgement.

That during the sitting of the 3rd December 2007, the defendant Carmen Bonavia, testified that her husband died in 2004 and that 'we have children and thus the heirs are the children. The four of them are minors. I who represent the children in the process of succession. We had not accepted the inheritance.

That in view of this evidence the applicant Bank had not summoned the children of Carmen Bonavia.

That whilst preparing its note of observations the plaintiff Bank, discovered from a search made in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) that Carmen Bonavia did not testify the truth, when she declared that in her name and in the name of her minor children, she renounced the inheritance of the deceased Giuseppe Bonavia.

As results from a copy of the relative judicial acts marked Doc X1, on the 16th April 2004, the same Carmen Bonavia, filed a Note, before the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) that in her name, as well as on behalf of her minor

ta' wliedha minuri Matthew, Luke, Daniela u Jean Paul 'aċċettat 'is-suċċessjoni tad-defunt Giuseppe Bonavia bil-beneficċju tal-inventarju'.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti (1) tissospendi t-terminu mogħti lill-esponenti għall-preżentata tan-nota ta' osservazzjonijiet u (2) tordna l-kjamata fil-kawża tal-minuri Matthew, Luke, Daniela u Jean Paul aħwa Bonavia rappreżentanti minn ommhom Carmen Bonavia bħala eredi ta' Joseph Bonavia, biex jissotitwixxu l-kuraturi appuntati biex jirrapreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Joseph Bonavia.

Esponenti: 116, Archbishop Street, Valletta.

Qorti Ċivili Prim Awla
Imħallef

Onor. Lino Farrugia Sacco

Ċitazzjoni Numru 669/05 FS

HSBC Bank Malta plc
Versus
Shelving Systems Ltd et

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors;

Tordna n-notifika tar-rikors lill-kontro parti b'għaxar tijiem żmien għar-risposta.

9 ta' Ġunju 2008.

Notifika: 1. Shelving Systems Ltd,
Independence Avenue,
Mosta.

Il-kawża Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Limited et noe, tinsab differita għal-11 ta' Novembru 2008, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

children Matthew, Luke, Daniela and Jean Paul, she accepted 'the succession of the deceased Giuseppe Bonavia with the benefit of inventory'

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court (1) suspends the term given by the applicant for the filing of the note of observations and (2) orders that the minors Matthew, Luke, Daniela and Jean Paul brothers and sisters Bonavia, represented by their mother Carmen Bonavia as heirs of Joseph Bonavia, to substitute the curators appointed to represent the vacant inheritance of Joseph Bonavia.

Applicant: 116, Archbishop Street, Valletta.

Civil Court First Hall
Judge

Hon. Lino Farrugia Sacco

Writ of Summons Number 669/05 FS

HSBC Bank Malta plc
Versus
Shelving Systems Ltd et

The Court,

Having seen the application;

Orders that the application be notified upon the respondent who is to file a reply within ten days.

9th June 2008.

Notify: 1. Shelving Systems Ltd,
Independence Avenue,
Mosta.

The case Writ of Sumons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta olc vs Shelving Systems Limited et noe, has been put off to the 11th November 2008, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*